# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 12 ta` Ottubru 2017**

**Kawza Nru. 6**
**Rik. Gur. Nru. 820/17 JZM**

**Banif Bank (Malta) plc**
**[C-41030]**

***kontra***

**Brian Zammit**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-7 ta` Settembru 2017 bil-procedura sommarja specjali fejn is-socjeta` bankarja attrici ppremettiet hekk :-

1. *Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

2. *Illi l-konvenut huwa klijent tal-kumpannija attrici u ha minn ghandha self biex jiffinanzja l-akkwist tar-residenza tieghu u xoghlijiet marbuta maghha;*

3. *Illi dan is-self, konness ai termini ta' Credit Agreement datat 3 ta' Jannar 2011 (ara Dok. 'A') u kuntratt pubbliku datat 13 t'April 2011 fl-atti tan-Nutar Dr. Amanda Grech ((ara Dok. 'B') kien ta' sitta u sittin elf Euro (€66,000) u kien jikkonsisti fis-segwenti:*
   i) *House Loan (I) ta' tmienja u hamsin elf Euro (€58,000), u*
   ii) *House Loan (II) ta' tmint elef (€8,000);*

4. *Illi l-konvenut naqas ,milli jhallas lura dan is-self u l-ammont dovut minnu fuq dawn il-facilitajjiet hu kif gej:*
   i) *disgha u hamsin elf, mija u tlieta u tletin Euro u tmienja u disghin centezmu (€59,133.98), dovuti fuq il- House Loan (I) fuq imsemmi, senjatament Account numru 31453 71 1, li sal- 24 ta' Lulju 2017 kienu jinkludu mghaxijiet t'erbat elef, tlett mija u erbgha u disghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,394.29), (ara statement bankarju markat Dok. 'C'), u*
   ii) *tmint elef, tlett mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u disghin centezmu (€8,386.98), dovuti fuq il-House Loan (II) fuq imsemmi, senjatament Account numru 31453 71 2, li sal-24 ta' Lulju 2017 kienu jinkludu mghaxijiet ta' sitt mija u wiehed u tletin Euro u tnax-il-centezmu (€631.12) (ara statement bankarju markat Dok. 'D'),*

5. *Illi minbarra dan is-self hemm ukoll dovut lill-kumpannija attrici minghand il-konvenut is-somma ta' sitt mija u erbat Euro u sittin centezmu (€604.60) li sal-24 ta' Lulju 2017 kienet tinkludi tmien Euro u erbgha u sebghin centezmu (€8.74) f'imghaxijiet (ara Dok. 'E'). Dan l-ammont hu dovut fuq il-Credit Card numru 4196 7960 0007 9029 li l-konvenut ghandu mal-kumpannija attrici (ara Dok. 'F').*

6. *Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenut lill-kumpannija attrici sal-24 ta' Lulju 2017, kien ta' tmienja u sittin elf, mija u disgha u tmenin Euro u disghin centezmu (€68,189.90);*

7. *Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici:*
   i) *kwantu House Loan (I) u (I) fuq imsemmija, ai termini t'Artikolu 13(0) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u fuq imsemmi u dan ghax kif stipulat f'dak l-Artikolu, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-istess Credit Agreement, partikolarment , izda mhux esklussivament:*
   *"a. Default by Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility'*

*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of agreement regulating the Facility", u*

*ii) kwantu l- Credit Card fuq imsemmiha, ai termini t'Artikolu 11(f) tal-Conditions of Use marbuta mal-istess Credit Card (ara Dok. 'G');*

8. *Illi l-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi sabiex ihallasha d-dejn, fosthom permezz t'ittra ufficjali numru 1179/2017 datata 28 ta' Marzu 2017 u prezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'H'), izda dan baqa' inadempjenti;*

9. *Illi l-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;*

10. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Rat illi s-socjeta` bankarja attrici talbet lill-Qorti sabiex :-

1 *Taqta` u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2 *Tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpannija attrici fl-ammont ta €68,189.90; u*

3 *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpannija attrici l-ammont t' €68,189.90;*

*Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mill-24 ta' Lulju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu: kwantu House Loans fuq imsemmija, ai termini tal-Credit Agreement fuq imsemmi u markat bhal Dok. 'A. u t-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'I'); u kwantu l-Credit card fuq imsemmiha, ai termini tal-Conditions of Use markati Dok. 'G' u t- Tariff of Charges*

*relattivi(ara Dok. 'J'); liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw appena l-konvenut ha l-facilitajiet bankarji minghand il-kumpannija attrici.*

*L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

1. *sita punt tnejn fil-mija (6.2%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-House Loan Accounts imsemmija aktar'l fuq (ara Artikoli 7 u 13(s) fuq Dok. 'A' fuq imsemmi), u*

2. *tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%), fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Credit Card imsemmiha aktar l'fuq (ara markar bl-ahdar fuq Dok 'J').*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat in-nota li pprezenta l-konvenut fl-udjenza tal-lum li permezz taghha ammetta t-talbiet kollha attrici.

**Ghaldaqstant, wara l-ammissjoni da parti tal-konvenut tat-talbiet attrici, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti, bl-imghaxijiet kif mitluba u specifikati fir-rikors guramentat, kif ukoll bl-ispejjez, u bil-*bank charges u fees* kif mitluba u specifikati fir-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Maria Ruth Ciantar**
**Deputat Registratur**